IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 21.1.2009
SEG(2009) 47

ID-DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

mehmuż mar-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għal bastimenti li jaslu fi jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità, u li tirrevoka d-Direttiva 2002/6/KE

Rapport dwar valutazzjoni tal-impatt ta' għażliet differenti sabiex jissemplifika/inaqqas/jelimina l-proċeduri amministrattivi għat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra u jimplimenta Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Konfini

SOMMARJU TAR-RAPPORT DWAR IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{KUMM(2009) 11 finali}
{SEG(2009) 46}

SOMMARJU

It-tkabbir mgħaġġel tat-trasport ta' vetturi kbar bit-triq u l-konġestjoni relatata miegħu, l-inċidenti u t-tniġġiż huma l-problemi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ewlenin li l-politika sabiex tippromwovi t-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra hija mistennija li tindirizza. L-Ewropa teħtieġ sistema tat-trasport komodali effiċjenti li tikkombina l-benefiċċji tal-modi kollha biex iżomm u żżid il-kompetittività u l-prosperità tagħha skont l-aġenda ta' Lisbona u l-analiżi ta' nofs il-perjodu tal-White Paper dwar il-Politika tat-Trasport Ewropew.

Proċeduri amministrattivi kumplessi jxekklu lit-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra milli jiżviluppa iktar malajr. Il-proċeduri amministrattivi involuti għandhom konsegwenzi ekonomiċi negattivi, b'mod partikolari l-ispejjeż li għandu x'jaqsmu mad-dewmien amministrattiv, il-kontrolli regolari jew ta' sikwit u l-ħin tal-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u tal-proċeduri. Il-kumplessità tnaqqas ukoll il-vantaġġ tal-mod u timplika li t-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra ma jistax jikkontribwixxi bis-sħiħ għall-effiċjenza u s-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport Ewropew.

Filwaqt li t-tneħħija tal-ostakli għat-trasport fuq l-art saret finalment realtà, is-Suq Intern madwar l-Unjoni Ewropea għat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra għadu mhux lest sa issa.

Skont il-kunċett ta' Żona Ewropea tat-Trasport Marittimu mingħajr Konfini, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw il-proċeduri amministrattivi u dokumentarji ewlenin tat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra bil-ħsieb li jissimplifikawhom, inaqqsuhom jew, fejn huwa possibbli, jeliminawhom għal-operazzjonijiet tat-trasport bejn żewġ portijiet tal-UE.

B'mod partikolari, kienu eżaminati il-proċeduri li ġejjin:

- Il-proċeduri doganali (li jinkludu proċeduri simplifikati);
- Il-proċeduri ta' rappurtaġġ tal-bastimenti.
- Il-proċeduri veterinarji u fitosanitarji;
- It-tagħbija ta' oġġetti perikoluż;

Kienu kkunsidrati wkoll iktar mezzi ta' attwazzjoni:

- It-trażmissjoni elettronika ta' dejta amministrattiva;
- Tieqa waħda biex isiru l-formalitajiet amministrattivi kollha;
- Punt uniku għal kontrolli;
- Ċertifikati tal-Eżenzjoni tal-Pilotaġġ;
- Lingwa amministrattiva alternattiva;
- Żoni ddedikati għat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra fil-portijiet.

L-għażliet ta' politika li ġew ikkunsidrati kienu:

– Status quo bħala x-xenarju ta' bażi;

– Simplifikazzjoni ta' kull każ tal-formalitajiet amministrattivi individwali;

– Azzjoni fuq il-bażi ta' set ta' miżuri koordinati li jissimplifikaw, inaqqsu u fejn huwa possibbli, jeliminaw il-formalitajiet għal bastimenti li jbaħħru bejn portijiet tal-UE skont il-mudell tas-Suq Intern offrut mit-trasport fuq l-art.

Il-valutazzjoni tal-impatt ta' dawn l-għażliet kienet bbażata fuq ħafna presupposti li saru b'kunsiderazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-partijiet kollha interessati. Wriet b'biżżejjed kunfidenza li s-simplifikazzjoni amministrattiva ġġib benefiċċji ċari u li s-settur tat-trasport marittimu m'għandux jitħalla barra mir-reġim ġenerali ta' ċirkolazzjoni libera fis-seħħ għat-trasport fuq l-art.

L-inizzjattiva rċiviet appoġġ sħiħ mill-partijiet interessati kollha involuti, u hija waħda mill-pilastri tal-Komunikazzjoni reċenti ta' politika marittima integrata, il-"Blue Book". Il-partijiet interessati kkunsidraw li mhux biss id-dewmien per se, imma ir-riskju tad-dewmien huwa fattur importanti li ma jinċentivax l-użu tat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra L-affidabbiltà u l-puntwalità huma l-fatturi l-iktar importanti u se jitjiebu bil miżuri proposti bi spiża pjuttost moderata għas-soċjetà. L-allinjament tal-formalitajiet amministrattivi applikati fuq it-trasport marittimu intra-UE mal-modi l-oħra se jattira iktar baħħara lejn it-trasport marittimu.

Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' azzjoni biex tissimplifika l-proċeduri amministrattivi eżistenti u telimina uħud minnhom. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi miżuri fuq medda ta' żmien qasira:

– Ir-razjonalizzazzjoni tar-rappurtaġġ relatat mal-bastimenti u l-merkanzija u l-formoli rikjesti mid-Direttivi 2002/6/KE (formalitajiet għal bastimenti fil-portijiet fejn jaslu u minn fejn jitilqu), 2000/59/KE (ilqugħ tal-iskart u tar-residwu), 2002/59/KE (monitoraġġ tal-bastimenti) u r-Regolament (KE) Nru 725/2004 (sikurezza marittima).

– L-eliminazzjoni ta' kontrolli sistematiċi u r-rikjesti tad-dokumenti mid-Dwana għal oġġetti ttrasportati bil-baħar bejn portijiet tal-UE skont it-trasport intern. Il-miżura se tirrikjedi modifikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-implimentazzjoni tal-kodiċi doganali Komunitarju[1] u għandu jkun fis-seħħ sal-2010.

– Rigward il-leġiżlazzjoni tal-prodotti veterinarji u fitosanitarji, għandhom jiġu adottati linji gwida fl-2009 sabiex jitħaffu l-kontrolli tad-dokumenti fid-Direttivi 89/662/KEE[2] 90/425/KEE[3] u 2000/29/KE[4].

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 u r-Regolament tal-Kunsill tal-Paralament Ewropew u r-Regolament (KE) Nru 450/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistipula l-Kodiċi Doganali Komunitarju; ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

2 Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb li jitkompla s-Suq Intern; ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.

3 Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju1990 li tikkonċerna kontrolli veterinarji u zootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-Komunitarju għal ċerti annimali u prodotti ħajjin; bil-ħsieb li jitkompla s-suq intern; ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

Ikun meħtieġ ukoll li jiġu implimentati miżuri ta' iktar faċilitazzjoni, jiġifieri:

– It-titjib fit-trażmissjoni elettronika tad-dejta amministrattiva;

– Tiġi stabbilita tieqa waħda għal amministrazzjoni;

– Is-simplifikazzjoni tat-trasport bil-baħar ta' merkanzija perikoluża billi tiġi implimentata fl-Istati Membri tal-UE l-ekwivalenza bejn uħud mir-regoli tal-IMDG [Kodiċi Internazzjonali tal-Oġġetti Marittimi Perikoluży] u dawk tal-ADR/RID [Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali fit-toroq ta' oġġetti perikoluży /Regolamenti dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikoluży bil-ferrovija]

L-ewwel żewġ miżuri jistgħu jiġu implimentati u koordinati skont proposti usa', b'mod partikolari dawk li għandhom jiġu inkluży fil-pjan ta' azzjoni għall-varar tas-sistemi elettroniċi marittimi fl-2009.

Barra minn hekk, għandhom jingħataw rakkomandazzjonijiet li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri ta' iktar faċilitazzjoni, kull darba li l-kundizzjonijiet lokali jippermettu li jsir hekk b'mod effiċjenti:

– Li jikkoordinaw il-kontrolli li jsiru fil-portijiet mis-servizzi amministrattivi differenti ("punt uniku għall-amministrazzjoni");

– Li jestendu l-ambitu taċ-Ċertifikati tal-Eżenzjoni tal-Pilotaġġ;

– Li jintroduċu l-użu tal-lingwaġġ l-iktar użat b'mod komuni fuq il-baħar bħala alternattiva għal-lingwa(i) nazzjonali fil-komunikazzjoni amministrattiva.

– Li joħolqu żoni fil-portijiet li jkunu ddedikatati għat-Trasport bil-Baħar għal Distanzi Qosra fejn dan jiffaċilita t-tħaddim għal dan il-mod.

Din l-implimentazzjoni kkumbinata u kkoordinata tal-miżuri se tippermetti l-iffrankar mill-ispejjeż u l-benefiċċji fil-produttività filwaqt li żżomm disponibbli l-informazzjoni essenzjali.

L-informazzjoni dwar merkanzija fid-Dwana u tipi ta' sorveljanza oħra (prodotti tal-annimali, veterinarja u fitosanitarja) se tkun xorta disponibbli u trid tiġi ppreżentata waqt il-kontrolli fil-post.

Il-pakket jippermetti tnaqqis fil-piż amministrattiv stmat ta' EUR 2.4 biljun u benefiċċji ambjentali stmati EUR 182-365 miljun matul il-perjodu 2009-2040. L-ispejjeż għad-diżinnjar, l-iżvilupp u t-tħaddim tal-miżuri huwa stmat li jkun ta' EUR 617 miljun. Dawn ikunu maqsuma bejn l-operaturi ekonomiċi, essenzjalment l-awtoritajiet tal-port u kumpaniji tat-tbaħħir. L-ispejjeż għall-amministrazzjonijiet nazzjonali ikun negliġibbli.

Mhux se jkun hemm riskju li l-approċċ jbaxxi l-istandards u għalhekk jippreserva l-għanijiet fundamentali tad-Dwana u r-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza.

---

[4] Direttiva tal-Kunsill 2009/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lil pjanti jew lil prodotti tal-pjanti fil-Komunità u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità; ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

Ikun ta' għajnuna li jitbaxxew l-ispejjeż lin-negozji f'għadd ta' Stati Membri u, sussegwentament lill-konsumaturi.